KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fit-8 ta' Lulju 2021 [1]

Kawża C-217/20

XXXX
vs
Staatssecretaris van Financiën

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Overijssel, zittingsplaats Zwolle (il-Qorti Distrettwali, Overijssel, sedenti fi Zwolle, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 7(1) – Dritt għal-leave annwali – Livell ta' remunerazzjoni – Remunerazzjoni mnaqqsa minħabba inkapaċità għax-xogħol"

I. Introduzzjoni

1. Matul is-snin, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet diversi drabi tinterpreta l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol [2]. Issa, waħda mill-karatteristiċi tal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva li ma ġietx eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja sa issa hija l-ammont tar-remunerazzjoni dovut lil ħaddiem meta dan il-ħaddiem jiddeċiedi li jieħu l-leave annwali tiegħu waqt li jsib lilu nnifsu fuq leave tal-mard (fit-tul). Il-konsegwenzi ta' tali deċiżjoni jistgħu jvarjaw kunsiderevolment fid-diversi Stati Membri. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, jekk jeżisti provvediment għal allowance tal-mard b'mandat Statali, il-perċentwali tas-salarju gross fix-xahar imħallsa bħala allowance tal-mard tvarja bejn 25 % u 100 % fl-Istati Membri differenti u tiddependi ħafna minn diversi fatturi, bħat-tul tal-kuntratt ta' impjieg, l-istatus tal-ħaddiem, l-eżistenza ta' ftehim kollettiv u t-tip ta' korriment/mard [3].

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

3 Il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq iċ-ċifri li jinsabu fi Spasova, S., Bouget, D., Belletti, C. u Vanhercke, B., "Sickness benefits in the EU: making sense of diversity", ETUI Policy Brief Nru 4/2020 tal-Istitut Ewropew tat-Trade Unions. Fil-pajjiżi mingħajr provvedimenti b'mandat Statali, l-allowance tal-mard jaqa' taħt id-diskrezzjoni tal-persuna li timpjega jew jirriżulta minn ftehim kollettiv. Kif tenfasizza wkoll il-Kummissjoni, f'ċerti Stati Membri, tali pagamenti ma jsirux (jew wara ċertu perijodu ta' żmien ma jibqgħux isiru) mill-persuna li timpjega stess, iżda mis-sistema ta' sigurtà soċjali kkonċernata (dawn huma l-"benefiċċji tal-mard"). Peress li qegħdin nittrattaw l-ammont tar-remunerazzjoni dovuta lil ħaddiem matul il-leave annwali mħallas iktar milli matul il-leave tal-mard, ma jiena ser nidħol f'ebda dettall hawnhekk. Jekk wieħed jasal għall-konklużjoni li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jippermetti li tingħata remunerazzjoni mnaqqsa matul il-leave annwali mħallas, iqumu kwistjonijiet oħra dwar il-bażi possibbli ta' tali remunerazzjoni mnaqqsa f'każijiet fejn ħaddiem huwa intitolat għal benefiċċji tal-mard fil-mument meta jieħu l-leave annwali tiegħu.

2. Din hija, essenzjalment, il-kwistjoni indirizzata mid-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-Rechtbank Overijssel, zittingsplaats Zwolle (il-Qorti Distrettwali ta' Overijssel, sedenti fi Zwolle, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, intitolat "Leave annwali", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

B. Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi

4. Skont l-Artikolu 22(1) tal-Algemeen Rijksambtenarenreglement (ir-Regolament Ġenerali tas-Servizz Pubbliku, iktar 'il quddiem l-"ARAR") l-uffiċjali għandhom dritt għal leave annwali b'paga sħiħa.

5. L-Artikolu 37 tal-ARAR jipprovdi, fl-ewwel u fil-ħames paragrafu tiegħu:

"1. Fil-każ ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard, l-uffiċjal għandu dritt għall-kontinwazzjoni tal-ħlas tar-remunerazzjoni tiegħu għal perijodu ta' 52 ġimgħa. F'każ ta' inkapaċità għax-xogħol kontinwata, huwa mbagħad għandu dritt għall-ħlas ta' 70 % tar-remunerazzjoni tiegħu.

[…]

5. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-uffiċjal huwa intitolat, anki wara t-tmiem tal-perijodu ta' 52 ġimgħa msemmi fl-ewwel subparagrafu, għall-kontinwazzjoni tal-ħlas tar-remunerazzjoni tiegħu għan-numru ta' sigħat li ħadem jew li kien jaħdem li kieku dan ix-xogħol kien ġie offrut lilu."

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali

6. Ir-rikorrent huwa uffiċjal, li ilu impjegat mill-Belastingdienst (l-Awtoritajiet Fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi) mill-1 ta' Marzu 2002. Mill-1 ta' Novembru 2014, huwa impjegat bħala uffiċjal investigattiv. Madankollu, fl-24 ta' Novembru 2015, huwa ġie ddikjarat u ilu minn dak iż-żmien f'inkapaċità parzjali għax-xogħol fit-tul minħabba mard. F'Lulju u f'Awwissu 2017, li huwa l-perijodu ta' żmien relevanti hawnhekk, huwa ħa sehem fi programm ta' reintegrazzjoni.

7. Skont l-Artikolu 37(1) tal-ARAR, ir-rikorrent irċieva 100 % tar-remunerazzjoni normali tiegħu għall-ewwel sena tal-marda tiegħu. Mill-24 ta' Novembru 2016, huwa baqa' jitħallas bir-rata ta' 70 % ta' dan l-ammont. Skont l-Artikolu 37(5) tal-ARAR, ir-rikorrent tħallas bir-rata ta' 100 % għas-sigħat li għalihom huwa kien ikkunsidrat kapaċi jaħdem u effettivament ħadem [4].

8. Ir-rikorrent ħa leave annwali għall-perijodu mill-25 ta' Lulju 2017 sas-17 ta' Awwissu 2017. Skont ir-rendikonti tar-remunerazzjoni għal Lulju u għal Awwissu 2017, ir-rikorrent tħallas – kif kien tħallas matul il-perijodu li matulu huwa ma ħax il-leave annwali tiegħu – b'rata ta' 70 % għas-sigħat li matulhom huwa kien f'inkapaċità għax-xogħol matul il-perijodu ta' leave u b'rata ta' 100 % għas-sigħat li matulhom huwa kien meqjus bħala kapaċi jaħdem (sa fejn huwa seta' jaħdem fil-kuntest tar-reintegrazzjoni tiegħu).

9. Ir-rikorrent ikkontesta l-ammont tar-remunerazzjoni tiegħu matul dan il-perijodu ta' leave annwali. Huwa jqis li għandu dritt għal remunerazzjoni sħiħa matul il-leave meħud, jiġifieri wkoll għas-sigħat li matulhom huwa kien f'inkapaċità għax-xogħol. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2017, l-Awtoritajiet Fiskali tal-Pajjiżi l-Baxxi iddikjarat l-oġġezzjonijiet tar-rikorrent infondati. Ir-rikorrent ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

10. Ir-rikorrent jibbaża ruħu f'dan ir-rigward fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-ARAR, fuq id-Direttiva 2003/88 u fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fuq il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Schultz-Hoff *et* [5]. Ir-rikorrent jirreferi wkoll għall-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Huwa f'dan il-kuntest fattwali u legali li fih il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 7(1) tad-[Direttiva 2003/88] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħaddiem li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali ma jitlifx, minħabba f'hekk, ir-remunerazzjoni tiegħu jew parti minnha? Jew inkella din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-ħaddiem iżomm ir-remunerazzjoni tiegħu meta huwa jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali, indipendentement mir-raġuni li għaliha huwa ma jaħdimx matul il-leave tiegħu?

2) L-Artikolu 7(1) tad-[Direttiva 2003/88] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali skont liema ħaddiem li jkun f'inkapaċità għax-xogħol minħabba mard u li jieħu l-leave annwali tiegħu jżomm ir-remunerazzjoni tiegħu fil-livell li huwa kellu qabel ma ħa l-leave annwali tiegħu, anki jekk, minħabba l-perijodu twil tal-inkapaċità għax-xogħol tiegħu, din ir-remunerazzjoni tkun inqas minn dik li tikkorrispondi għal kapaċità sħiħa għax-xogħol?

3) Id-dritt ta' kull ħaddiem għal-leave annwali mħallas taħt l-Artikolu 7 tad-[Direttiva 2003/88] u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi t-tnaqqis tar-remunerazzjoni waqt leave meħud matul inkapaċità għax-xogħol?"

[4] Kif spjega l-Gvern Olandiż fl-osservazzjonijiet tiegħu, tabib tax-xogħol jagħmel evalwazzjoni individwali tal-istat ta' saħħa tal-uffiċjal ikkonċernat u mbagħad jirrakkomanda n-numru ta' sigħat fil-ġimgħa li huwa jkun jista' jaħdem.

[5] Sentenza tal-20 ta' Jannar 2009 (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18).

12. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern Olandiż u mill-Kummissjoni Ewropea.

V. Analiżi

13. Permezz tat-tliet domandi kollha tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li ħaddiem li jkun totalment jew parzjalment f'inkapaċità għall-finijiet ta' xogħol u li jieħu l-leave annwali tiegħu jitħallas remunerazzjoni mnaqqsa – bl-istess rata bħal dik imħallsa matul leave tal-mard fit-tul – matul dan il-perijodu tal-leave annwali tiegħu [6]. It-tliet domandi jistgħu għalhekk jiġu ttrattati fl-istess ħin.

14. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ftit li xejn jikkontribwixxi sabiex tingħata risposta għal din id-domanda. Hija sempliċement tindika li "kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali *bil-ħlas* ta' mill-anqas erba' ġimgħat" [7]. Madankollu, teżisti ġurisprudenza żviluppata sew mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 li tiddeskrivi l-kontenut ġenerali ta' din id-dispożizzjoni.

15. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 – dispożizzjoni li minnha din id-direttiva ma tippermettix deroga [8] – jipprevedi li kull ħaddiem huwa intitolat għal leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat u li dan id-dritt għal leave annwali mħallas għandu jitqies li huwa prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li għandu importanza partikolari [9]. Bħala prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni, dan għandu mhux biss importanza partikolari, iżda huwa wkoll espressament irrikonoxxut mill-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li lilha l-Artikolu 6(1) TUE jirrikonoxxi l-istess valur legali bħat-Trattati [10].

16. Min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2003/88 tittratta d-dritt għal-leave annwali u d-dritt li jinkiseb ħlas f'dan ir-rigward bħala li jikkostitwixxu ż-żewġ naħat ta' dritt wieħed. L-għan tal-obbligu li dan il-leave jitħallas huwa sabiex il-ħaddiem, matul dan il-leave, jitqiegħed f'pożizzjoni li hija, fir-rigward tar-remunerazzjoni, komparabbli mal-perijodi ta' xogħol [11].

[6] Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma ppreċiżax jekk il-perijodu ta' leave annwali meħud huwiex marbut mal-perijodu minimu ggarantit mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88. Għalkemm l-Istati Membri jistgħu jagħtu, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, perijodu ta' leave annwali itwal, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma jirregolax tali perijodu addizzjonali u għalhekk l-evalwazzjoni tiegħi hija limitata biss għal-leave annwali meħud matul dan il-perijodu minimu (iktar 'il quddiem il-"leave annwali mħallas").

[7] Enfasi miżjuda. Għandu jiġi rrilevat ukoll li d-Direttiva 2003/88 tapplika wkoll għall-uffiċjali, għaliex, skont l-Artikolu 1(3) tagħha, hija "għandha tapplika għas-setturi kollha ta' l-attività, kemm pubblika u wkoll privata […]". Dak kollu li jintqal f'dawn il-konklużjonijiet fir-rigward ta' "ħaddiema" għalhekk japplika wkoll għall-uffiċjali.

[8] Ara l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88 li jippermetti deroga. Din id-dispożizzjoni, madankollu, ma tippermettix deroga mill-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat fis-sentenzi tagħha tas-26 ta' Ġunju 2001, BECTU (C-173/99, EU:C:2001:356, punt 41), u tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punt 35).

[9] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 2015, Greenfield (C-219/14, EU:C:2015:745, punt 26); tat-30 ta' Ġunju 2016, Sobczyszyn (C-178/15, EU:C:2016:502, punt 19); u tal-25 ta' Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca (C-762/18 u C-37/19, EU:C:2020:504, punt 53).

[10] Sentenzi tal-11 ta' Novembru 2015, Greenfield (C-219/14, EU:C:2015:745, punt 27); tat-30 ta' Ġunju 2016, Sobczyszyn (C-178/15, EU:C:2016:502, punt 20), tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 23) u tal-25 ta' Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca (C-762/18 u C-37/19, EU:C:2020:504, punt 54). Jien mhux ser neżamina l-Artikolu 31(2) tal-Karta. Kif diġà rrileva l-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Hein (C-385/17, EU:C:2018:666, punt 57): "Din id-dispożizzjoni tipprovdi biss, b'mod ġenerali u astratt, li kull ħaddiem għandu d-dritt […] għall-perijodu annwali ta' leave imħallas. Il-Karta ma tistipulax iż-żmien minimu tal-leave annwali ggarantit, u wisq inqas liema regoli jirregolaw il-metodu ta' kalkolu tal-kumpens matul il-leave annwali."

[11] Sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-29 ta' Novembru 2017, King (C-214/16, EU:C:2017:914, punt 35).

17. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk maqsuma f'żewġ partijiet, waħda ddedikata għad-dritt għal-leave annwali u, b'mod partikolari, għat-*tul* tiegħu u l-oħra għall-kwistjoni tar-*remunerazzjoni*. Għalkemm ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda biss il-kwistjoni tar-remunerazzjoni, jiena nipproponi li neżamina fil-qosor il-parti dwar it-*tul* sabiex jitqabblu l-prinċipji applikati f'dawn iż-żewġ partijiet.

18. Fir-rigward tal-ewwel parti, dwar it-tul tal-leave annwali mogħti skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt għal-leave annwali mħallas għandu, bħala prinċipju, jiġi kkalkolat b'riferiment għall-perijodi ta' xogħol effettiv imwettqa fil-kuntest tal-kuntratt ta' impjieg [12]. Ir-raġuni għal dan hija li huwa l-għan tad-dritt għal-leave annwali mħallas, mogħti lil kull ħaddiem mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li jippermetti lill-ħaddiem jistrieħ bħala korrispettiv għall-eżekuzzjoni tal-kompiti mogħtija lilu mill-kuntratt tax-xogħol tiegħu, minn naħa, u li jgawdi minn perijodu ta' serħan u ta' rikreazzjoni, min-naħa l-oħra [13]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk ħaddiem jaħdem part-time biss, kull tnaqqis tat-tul tal-leave annwali li għandu jingħata meta mqabbel ma' dak mogħti għal perijodu ta' impjieg full-time skont il-prinċipju ta' *pro rata temporis* huwa, mill-inqas essenzjalment, oġġettivament iġġustifikat [14].

19. Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex applikabbli f'każ ta' leave tal-mard. Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-Direttiva 2003/88 ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-ħaddiema li huma assenti mix-xogħol bil-leave tal-mard – għal żmien qasir jew għal żmien twil – matul il-perijodu ta' referenza u dawk li effettivament ħadmu matul dik is-sena. Minn dan isegwi li, fir-rigward ta' ħaddiema bil-leave tal-mard li ngħatalhom kif suppost, id-dritt għal-leave annwali mħallas mogħti mid-Direttiva 2003/88 stess lill-ħaddiema kollha ma jistax jiġi ssuġġettat minn Stat Membru għall-obbligu li jkunu effettivament ħadmu matul il-perijodu ta' referenza previst minn dan l-Istat. Mill-banda l-oħra, f'dak li jirrigwarda d-dritt għal-leave annwali mħallas, il-ħaddiema li jkunu assenti mix-xogħol bil-leave tal-mard matul il-perijodu ta' referenza jiġu assimilati għal dawk li effettivament ikunu ħadmu matul dan il-perijodu [15].

20. Minbarra l-fatt li d-Direttiva 2003/88 ma tinkludix tali distinzjoni, ir-raġunijiet għal dan huma tnejn. Minn naħa, l-għanijiet tad-dritt għal-leave annwali u tad-dritt għal-leave tal-mard huma differenti. Filwaqt li l-leave annwali huwa intiż li jagħti lill-ħaddiem il-possibbiltà li jistrieħ mir-rekwiżiti tax-xogħol u li jkollu perijodu ta' serħan u ta' rikreazzjoni, il-ħaddiem jingħata leave tal-mard sabiex ikun jista' jfiq minn marda li kkawżatlu inkapaċità għax-xogħol [16]. Min-naħa l-oħra, l-inkapaċità għax-xogħol minħabba mard ma hijiex prevedibbli u hija indipendenti

[12] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 27).

[13] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 25), kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 26).

[14] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' April 2010, Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols (C-486/08, EU:C:2010:215, punt 33), abbażi tal-klawżola 4(2) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/23/KE tas-7 ta' April 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 278). L-istess loġika ġiet applikata għall-każijiet li fihom is-sigħat u l-ġranet tax-xogħol inbidlu minn ġimgħa għal ġimgħa (sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Greenfield (C-219/14, EU:C:2015:745, punt 29)), kif ukoll għall-każijiet ta' "xogħol b'ħinijiet iqsar" ("Kurzarbeit") (ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punti 27 sa 29)), anki sal-limitu tal-assenza ta' dritt għal-leave annwali fil-każ tal-applikazzjoni ta "tnaqqis fil-ħin tax-xogħol għal żero sigħat ta' xogħol" ("Kurzarbeit Null") f'każ li l-obbligu tal-ħaddiem li jaħdem ikun sospiż kollu kemm hu (ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Heimann u Toltschin (C-229/11 u C-230/11, EU:C:2012:693, punt 36). F'din is-sentenza tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 32, ikklassifikat il-ħaddiema fuq xogħol b'ħinijiet iqsar bħala "ħaddiema temporanjament part-time").

[15] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punti 39 sa 41); tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punti 20 u 30); kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu (C-12/17, EU:C:2018:799, punt 29).

[16] Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, ANGED (C-78/11, EU:C:2012:372, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

mir-rieda tal-ħaddiem. Dan l-aspett huwa wkoll inkluż fl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-24 ta' Ġunju 1970 dwar il-Leave Annwali Mħallas, kif rivedut, li jieħu inkunsiderazzjoni l-assenzi minħabba mard fost l-assenzi mix-xogħol "għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tal-persuna impjegata kkonċernata", li għandhom "jingħaddu fil-perijodu ta' servizz"[17]. Bħal fil-każ tal-premessa 6 tad-Direttiva 2003/88, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ta' din il-konvenzjoni.

21. Dan ifisser li, għalkemm id-dritt għal-leave annwali mħallas, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, għandu normalment jiġi kkalkolat fir-rigward tal-perijodi ta' xogħol effettiv imwettqa fil-kuntest tal-kuntratt ta' impjieg, dan ma huwiex il-każ meta l-persuna tkun bil-leave tal-mard.

22. Issa ser nittratta t-tieni parti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-kwistjoni tar-remunerazzjoni. Kif diġà rrileva l-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu fil-konklużjonijiet fil-kawża Hein, il-prinċipju ta' *pro rata temporis* – u nżid, kull prinċipju ta' *pro rata* – li jintuża għall-kalkolu tat-*tul* tal-leave annwali, ħlief jekk persuna tkun bil-leave tal-mard, qatt ma ġie applikat għad-dritt għal *remunerazzjoni* għal leave mħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja[18]. Din il-pożizzjoni tibqa' l-istess wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Hein[19].

23. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-espressjoni "leave annwali bil-ħlas" li tinsab fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 tfisser li, għat-tul tal-leave annwali fis-sens ta' din id-direttiva, ir-remunerazzjoni għandha tibqa' titħallas. Dan jimplika li l-ħaddiema għandhom jirċievu r-remunerazzjoni normali għal dan il-perijodu ta' mistrieħ[20].

24. Il-Gvern Olandiż isostni li d-Direttiva 2003/88 ma tipprevedix għal rekwiżiti fir-rigward tal-istruttura ta' ħlas. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma liberi li jiddeterminaw tali struttura. Fl-opinjoni ta' dan il-gvern, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ifisser biss li r-remunerazzjoni tal-ħaddiem (kif kienet qabel il-leave annwali ta' dan il-ħaddiem, skont ir-regoli nazzjonali) għandha tinżamm[21]. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe metodu separat għall-kalkolu tal-ħlas matul leave tal-mard skont id-dritt u l-prattika Olandiża, l-uffiċjal f'dan il-każ iżomm l-ammont tar-remunerazzjoni li kien jirċievi qabel ma ħa l-leave annwali tiegħu. Skont dan il-gvern, iż-żamma tar-"remunerazzjoni normali" tfisser li ma jistax ikun hemm rabta kawżali bejn it-teħid ta' leave annwali u t-tnaqqis tar-remunerazzjoni u li l-ħaddiem għandu, qabel, matul u wara l-leave annwali tiegħu, jirċievi r-remunerazzjoni li kien jirċievi kieku ma kienx ħa leave annwali.

25. Fil-fehma tiegħi, dawn l-argumenti ma jiħdux il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja suffiċjentement inkunsiderazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Hein, li, "[j]ekk l-istruttura tar-remunerazzjoni ordinarja ta' impjegat tkun taqa', bħala tali, taħt id-dispożizzjonijiet u l-prattiki rregolati mid-dritt tal-Istati Membri, din ma jistax ikollha impatt fuq id-dritt tal-impjegat li jgawdi, matul il-perijodu tiegħu ta' mistrieħ u ta' serħan, minn

17 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu (C-12/17, EU:C:2018:799, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 C-385/17, EU:C:2018:666, punt 47.

19 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018 (C-385/17, EU:C:2018:1018).

20 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Għalkemm il-formulazzjoni Olandiża tad-Direttiva 2003/88 tidher effettivament li tiffoka fuq iż-"żamma" tal-ħlas "jaarlijkse vakantie met behoud van loon", dan ma huwiex, bħala regola ġenerali, il-każ ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra. Il-verżjoni bil-Franċiż ("congé annuel payé"), bil-Ġermaniż ("bezahlten Mindestjahresurlaub"), bit-Taljan ("ferie annuali retribuite"), bl-Ispanjol ("férias anuais remuneradas"), bil-Portugiż ("férias anuais remuneradas") u bl-Iżvediż ("årlig betald semester") ma humiex iktar speċifiċi f'dan ir-rigward mill-verżjoni bil-Ingliż li ssemmi "paid annual leave". Il-konsegwenzi ta' din id-differenza huma limitati, minkejja li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "leave annwali mħallas" ifisser li r-"remunerazzjoni għandha tibqa' titħallas". Hija ppreċiżat, barra minn hekk, li dan ifisser li l-"ħaddiema għandhom jirċievu r-remunerazzjoni normali għal dan il-perijodu ta' mistrieħ". Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

kundizzjonijiet ekonomiċi komparabbli għal dawk li *jikkonċernaw it-twettiq tax-xogħol tiegħu*" [22]. Hija kkonstatat ukoll li l-għan tal-obbligu li dan il-leave jitħallas huwa sabiex il-ħaddiem, matul dan il-leave, jitqiegħed f'pożizzjoni li hija, fir-rigward tar-remunerazzjoni, komparabbli mal-perijodi ta' xogħol [23]. Din it-tieni parti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-għan li tiżgura li l-ħaddiema jkunu f'pożizzjoni li jieħdu leave annwali mingħajr ma jkollhom biża' ta' telf finanzjarju [24]. Il-kunsiderazzjonijiet dwar it-tul tal-leave annwali mħallas, jiġifieri li l-ħaddiem għandu jistrieħ wara xogħol imwettaq, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni hawnhekk.

26. Sabiex tiġi ggarantita remunerazzjoni lill-ħaddiem li hija komparabbli mal-perijodi ta' xogħol, il-punt ta' riferiment għall-evalwazzjoni tar-remunerazzjoni huwa dak fejn il-ħaddiem effettivament kien qiegħed jaħdem. Il-fatt li t-teħid ta' leave annwali mħallas ma huwiex ir-raġuni tat-tnaqqis fir-remunerazzjoni tiegħu ma jistax jiġġustifika remunerazzjoni inqas minn dik li jirċievi meta jaħdem b'mod attiv. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Olandiż, l-opinjoni tiegħu li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jobbliga lill-Istati Membri biss sabiex jevitaw tnaqqis fir-remunerazzjoni minħabba t-teħid ta' leave annwali ma huwiex konċiljabbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Dan huwa konformi mal-għan tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-ħaddiema għal-leave annwali mħallas stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv għad-detriment tad-drittijiet li jgawdu l-ħaddiema minnu [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 huwa intiż sabiex jippermetti lill-ħaddiem jieħu effettivament il-leave li għalih huwa għandu dritt [26]. Għalhekk, kumpens, li l-ammont tiegħu jippermetti sempliċement li jiġi eskluż kull riskju sinjifikattiv li l-ħaddiem ma jiħux il-leave tiegħu, ma huwiex suffiċjenti sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni [27].

28. Qabelxejn, jista' jiġi sostnut li l-fatt li r-remunerazzjoni tkun identika għall-allowance tal-mard ma huwiex ta' natura li jiddisswadi lil dan il-ħaddiem milli jieħu l-leave annwali tiegħu għaliex ma jirċevix remunerazzjoni oħla kieku ma kienx ħa leave annwali f'dak il-mument. Fil-fatt, jekk ħaddiem ried jevita tali tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, huwa jkollu jistenna u jieħu l-leave annwali tiegħu biss ladarba dan il-ħaddiem ikun mill-ġdid kompletament f'kapaċità li jwettaq ix-xogħol meħtieġ. Il-ħaddiem ma jirriskjax li jitlef id-dritt tiegħu għal leave annwali mħallas jekk jipposponi l-leave annwali tiegħu peress li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tipproteġi d-dritt tal-ħaddiem għal-leave annwali mħallas milli jiġi estint fl-aħħar tal-perijodu ta' referenza u/jew ta' perijodu għall-ġarr tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali [28].

22 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018 (C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjuda.

23 *Ibid*., punt 33.

24 Għal kalkolu, ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Williams *et* (C-155/10, EU:C:2011:588, punti 24, 25 u 28) fir-rigward tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu jekk is-salarju jkun kompost minn diversi elementi.

25 Sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke (C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 22), kif ukoll tas-6 ta' Novembru 2018, Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (C-684/16, EU:C:2018:874, punt 31).

26 Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (C-684/16, EU:C:2018:874, punt 31).

27 Sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Williams *et* (C-155/10, EU:C:2011:588, punt 21), li tirreferi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak f'din l-istess kawża (C-155/10, EU:C:2011:403, punt 90).

28 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 49), u tal-25 ta' Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca (C-762/18 u C-37/19, EU:C:2020:504, punt 63). Fir-rigward tal-possibbiltà li dan il-perijodu ta' rrimandar jiġi limitat, ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2011, KHS (C-214/10, EU:C:2011:761, punti 34, 38 u 39).

29. F'dan ir-rigward, filwaqt li jiġi ammess li l-liġi ma għandhiex tiskoraġġixxi ħaddiem milli jieħu leave annwali, jista' madankollu jiġi sostnut li lanqas hemm ebda raġuni sabiex jiġi previst inċentiv għat-teħid ta' dan il-leave matul perijodi ta' invalidità totali jew parzjali għax-xogħol. Dan jista' jingħad f'dan il-każ peress li l-ħaddiem jista' jirċievi remunerazzjoni ogħla mill-allowance tal-mard li huwa kien jirċievi, jekk ma jiħux leave annwali f'dak il-mument.

30. Bir-rispett, madankollu, ma nistax naqbel ma dan l-argument. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma jipprekludix, bħala prinċipju, dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali li skonthom ħaddiem bil-leave tal-mard ma għandux dritt jieħu leave annwali mħallas matul il-leave tal-mard tiegħu, sakemm, madankollu, l-imsemmi ħaddiem ikollu l-possibbiltà li jeżerċita d-dritt mogħti minn din id-direttiva matul perijodu ieħor [29]. Issa, għandu jiġi kkonstatat li d-dritt u l-prattika Olandiża ma jipprovdux għal tali regola, tal-inqas mhux għal uffiċjal ikkonċernat f'dan il-każ [30]. Fil-każijiet fejn id-dritt nazzjonali fil-fatt jippermetti li l-leave annwali jittieħed matul il-perijodu tal-leave tal-mard, madankollu, ma huwiex iġġustifikat li r-remunerazzjoni matul tali leave tinbidel.

31. Għalkemm huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu, fil-leġiżlazzjoni interna tagħhom, il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju u għall-implimentazzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas, billi jiffissaw il-kundizzjonijiet konkreti li fihom il-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt, huma ma jistgħux jissuġġettaw l-eżistenza stess ta' dan id-dritt għal kundizzjonijiet preliminari. Madankollu, dan ikun il-każ jekk il-kelma "mħallas" fil-kunċett ta' "leave annwali mħallas" tiġi interpretata b'mod li jippermetti l-ħlas ta' remunerazzjoni mnaqqsa skont jekk il-ħaddiem jeżerċitax dan id-dritt meta jkun (parzjalment jew totalment) f'inkapaċità għax-xogħol jew f'mument ieħor. Fi kliem ieħor, il-"valur" tad-dritt għal-leave annwali mħallas ma jistax jiddependi mid-data li fiha jittieħed.

32. Fil-fatt, fis-sentenza Hein, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat sitwazzjoni li fiha ħaddiem ma kienx jirċievi r-remunerazzjoni li tikkorrispondi għar-remunerazzjoni normali li huwa kien jirċievi matul il-perijodi ta' xogħol effettiv. Peress li dan ġara fil-kuntest ta' ftehim kollettiv, jista' jiġi sostnut li remunerazzjoni mnaqqsa matul il-leave annwali kienet ikkumpensata minn vantaġġi oħra li jirriżultaw mill-ftehim kollettiv [31]. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument. Hija kkunsidrat li dan jippreġudika d-dritt għal-leave annwali mħallas, "li parti integrali tiegħu hija d-dritt tal-ħaddiem li jgawdi, matul il-perijodu tiegħu ta' mistrieħ u ta' serħan, minn kundizzjonijiet ekonomiċi komparabbli għal dawk li jikkonċernaw it-twettiq tax-xogħol tiegħu" [32].

33. Fil-fatt, ma teżisti l-ebda raġuni valida li għaliha l-evalwazzjoni għandha tkun differenti fil-każ ta' leave tal-mard fin-nuqqas ta' tali fatturi li jistgħu jikkumpensaw l-effetti negattivi ta' tnaqqis tar-remunerazzjoni matul il-leave annwali mħallas minimu ggarantit mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88.

34. Fil-każijiet li jirrigwardaw l-ewwel parti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra iktar 'il fuq, f'dak li jirrigwarda t-tul tal-leave annwali mħallas, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-ħaddiema li huma assenti mix-xogħol minħabba leave tal-mard matul il-perijodu ta' riferiment

[29] Sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punti 28 u 29).

[30] Id-Direttiva 2003/88 lanqas ma tipprekludi dan. Ara, *ibid*. fil-punt 31.

[31] Dan kien sostnut b'mod wiesa' mill-konvenuta u mill-Gvern Ġermaniż; ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Hein (C-385/17, EU:C:2018:666, punt 55) kif ukoll is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punti 38 sa 40).

[32] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Hein (C-385/17, EU:C:2018:1018, punt 43).

[…] huma assimilati għal dawk li effettivament ħadmu matul dan il-perijodu”[33]. Fil-fatt, peress li d-Direttiva 2003/88 tittratta d-dritt għal-leave annwali u d-dritt li jinkiseb ħlas f’dan ir-rigward bħala li jikkostitwixxu ż-żewġ naħat ta’ dritt wieħed, ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn id-dritt u l-ħlas meta l-ħaddiema assenti mix-xogħol bil-leave tal-mard jiġu assimilati ma’ dawk li effettivament ħadmu matul dan il-perijodu. Għaldaqstant, ma tistax tagħmel differenza jekk il-ħaddiem kienx f’inkapaċità totali jew parzjali għax-xogħol fil-mument li fih huwa jieħu l-leave annwali mħallas tiegħu u lanqas ma huwa possibbli li jiġi applikat approċċ *pro rata* għar-remunerazzjoni li għandha titħallas matul il-perijodi ta’ leave annwali mħallas skont jekk il-ħaddiem ikunx totalment jew parzjalment f’inkapaċità għax-xogħol.

VI. Konklużjoni

35. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mir-Rechtbank Overijssel, zittingsplaats Zwolle (il-Qorti Distrettwali ta’ Overijssel, sedenti fi Zwolle, il-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod li ġej:

“L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet u prattiki nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jipprovdu li l-ammont tar-remunerazzjoni ta’ ħaddiem matul il-leave annwali mħallas tiegħu li huwa jieħu waqt li jkun f’inkapaċità (totali jew parzjali) għax-xogħol jitnaqqas għal-livell tar-remunerazzjoni li huwa jkun jirċievi matul din l-inkapaċità (totali jew parzjali) għax-xogħol.”

[33] Sentenzi tal-4 ta’ Ottubru 2018, Dicu (C-12/17, EU:C:2018:799, punt 29), kif ukoll tal-25 ta’ Ġunju 2020, Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca (C-762/18 u C-37/19, EU:C:2020:504, punt 60).